KUNSILL LOKALI
QALA

**MINUTI LAQGĦA NUMRU 84**
**TAL-KUNSILL LOKALI QALA**

L-Ħamis, 22 ta' Frar 2024

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku Qala, illum l-Ħamis, 22 ta' Frar, 2024, fl-16:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Karl Buttigieg Buttigieg – Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak - Kunsilliera
Ivan Cefai – Viċi Sindku

Uffiċjal Preżenti:
Heidi Grech- Segretarju Eżekuttiv



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

**Minuti**

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

## 84.1 Talba

84.1 Il-laqgħa bdiet fl-16.30pm. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

## 84.2 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;

84.2 Il-Membri kienu kollha preżenti u għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 84.3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti

84.3.1 Il-Viċi Sindku talab emenda fil-minuti Numru 81, fit-tieni paragrafu ta' paġna 8, filwaqt li l-Kunsilliera Valerie C Mejlak talbet għal emenda fil-minuti numru 83.3.1. Kien hemm qbil dwar dawn l-emendi u għalhekk il-minuti numru 81,82,83 ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

*Kien hemm qbil unanimu sabiex nimxu għal punt numru 84.7 tal-aġenda minħabba li l-Accountant tal-Kunsill kien preżenti.*

## 84.7 Approvazzjoni tal-Audited Financial Statements għas-sena 2022 u l-Unaudited Financial Statements għas-sena 2023.

84.7.1 Is-Sindku stieden lil Accountant tal-Kunsill biex jippreżenta r-rapport finanzjarju għas-sena 2022 u dak għas-sena 2023. Is-Sur John Buttiġieġ informa lill-kamra li din is-sena l-Kunsill se jkun qed jippreżenta k-kotba fil-ħin. Hu ta rendikont sħiħ taż-żewġ rapporti u wieġeb għad-domandi kollha li għamlu l-membri tal-Kunsill. Is-Sur Buttiġieġ spjega li l-ispejjeż kienu aktar mid-dħul li wassal sabiex minn b'surplus, il-Kunsill spiċċa s-sena 2023 b'defecit ta' €70,000. Is-Sindku fakkar li kien hemm spiża relatata mal-ħlasijiet ta' PeterPaul Said għal xogħol ta' taħmil li sar fil-grownd tal-futbol mill-Kunsill preċedenti ta' madwar €25,000, fondi li ntilfu mill-Wasterserv li l-ex Aġent Seg.Eżekuttiv ma bagħtx l-invoices għalihom li jammontaw madwar €25,000 kif ukoll madwar €22,000 li ngħataw lill-Paroċċa u l-akkwist tat-trukk tal-Kunsill li sewa €32,000. Is-Sur John Buttiġieġ irrefera għal paġna 13 li fija jinsabu d-dettalji kollha dwar l-infiq tal-Kunsill fejn tindika li l-ispiża f' Community Services kienet sparat il-fuq. Il-Kunsilliera Valerie C Mejlak għamlet referenza għall-kunsilli oħrajn li wkoll huma b'deficit però wettqu ħafna proġetti filwaqt li l-Kunsill tal-Qala ma wettaq ebda proġett. Is-Sur John Buttiġieġ spjega li hemm jkun deficit minħabba proġetti kapitali pero' l-każ tal-Kunsill huwa deficit minħabba li hemm aktar infiq minn dħul.

KUNSILL LOKALI
QALA

Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil-membri tal-Kunsill li l-budget irid jiġi rivedut u għalhekk se tkun qed tipprepara draft biex jiġi diskuss fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss. Il-Kunsillier Joseph Buttiġieġ stqarr li minħabba li din is-sitwazzjoni se jiritha kunsill ġdid, jkun aħjar jekk il-proġetti kapitali jiddeċidihom kunsill ġdid. Kien hemm qbil dwar dan.

## 84.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

a. Is-Sindku qal li bħalissa l-kuntrattur qed jagħmel il-bankini ta' Triq 28 t'April1688 bil-granit. Wara dan ikun jonqos biss l-aħħar kisja tarmak. Hu qal li l-ġurnata ta' qabel waqt li kienet ix-xita, mar fuq il-post biex jara li l-ilma tax-xita hux qed jintlaqa sew fil-*water culverts* li saru.

b. Waqt li kien għaddej ix-xogħol, il-perit ordna biex isir it-tħammil sal-blat fil-parti kollha li hemm quddiem il-Każin tal-Banda sa fejn saru l-*water culverts.* B'hekk ix-ogħol sar kif suppost fejn imtliet biż-żrar, tballat bir-romblu u ingħatat it-tarmak fuq bażi soda. Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ staqsa lis-Sindku jekk hux se jsir it-tieni kisja tarmac qabel tinfetaħ it-triq. Is-Sindku wieġeb li ser tinfetaħ malli jeħilsu x-xogħol tal-bankini. Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ staqsa wkoll lis-Sindku jekk is-sinjali s-sofor hux se jiġu diskussi fil-Kunsill qabel ma jsiru. Is-Sindku wieġeb li Iwa.

ċ. Madwar it-tappieri tpoġġa s-siment ħalli ma jkunx hemm periklu għan-nies u anke għall-vetturi.

d. Hu qal li waqt ix-xogħolijiet fl-istess triq inkixfu żewġ xelters fejn ma saritilhom l-ebda ħsara u tpoġġew tappieri biex 'il quddiem ikunu aċċessibbli,

e. Għax-xelter tal-Pjazza ġie mgħoddi *pipe* minn fejn nistgħu ngħaddu d-dawl kif ukoll katusa biex l-ilma li nstab fih ikun jista' jitbattal dirett fil-*culverts.* Problema li hemm f'dan ix-xelter hu l-bokka ta' dan l-istess xelter għal-fatt li l-bokka qegħda fin-nofs. Is-Sindku issuġġerixxa li meta jsir l-applikazzjoni jidħol ġo fih espert bħall-perit eċċ u jara jekk hemmx xi entratura oħra. Hu ppropona li bħala Kunsill japplika għar-restawr ta' dan iż-żewġ xelters biex b'hekk jinfetħu għall-pubbliku. Is-Sindku saqsa jekk jaqblux. Il-Kunsilliera Valerie C Mejlak qalet li kienet hi li kienet ressqet din it-talba fil-Kunsill u s-Sindku dak in nhar kien wieġeb li dan ir-restawr huwa mpossibli minħabba li ma tistax tiftaħ entratura f'nofs it-triq. Kompliet tgħid li kienet qaltlu li l-aċċess jinsab fil-pjażżetta u s-Sindku kien wieġeb li hemm tal-knisja. Staqsiet lis-Seg. Eżekuttiv jekk huwiex minnu li l-Kunsill kien diġà applika għal fondi taħt skema. Is-Seg. Eżekuttiv ikkonfermat dan.

f. Is-Sindku nforma lill-kamra li fi ftit xhur oħra se tingħata kisja tarmak oħra. Dan minħabba li kultant żmien il-*Water Services Corporation* qed jagħmlu *leakage tests* matul il-lejl biex jaraw hemmx xi *leak* – sa issa ma nstab l-ebda leak. Hu qal ukoll li fil-gimgħat li ġejjin l-Enemalta ser iqabbdu diversi toroq mal-linji l-ġodda tal-*low voltage.* Il-*main switch gear* li bih ikun jista' jerġa jinxtegħel d-dawl bl-*internet* inbiddel diġà. Ser jinbidel



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

ukoll il-*main transformer* li hemm fi Triq Wardija biex issir wieħed b'saħħtu aktar. Apparti minn hekk se jinbidel ukoll il-*main switch board* biex b'hekk il-Qala ikollha provvista ta' dawl ferm aktar b'saħħita u sigura. Ġew mgħoddija żewġ *pipes* għall-futur biex tar-radju jkunu jistgħu jużawhom.

ġ. Hu tenna li dan il-proġett kollu ma kienx ikun possibbli mingħajr l-għajnuna tal-Ministeru għal Għawdex u l-Ministeru tal-Enerġija.

g. Is-Sindku ippreżenta lil dawk preżenti kopja tal-erba' mistoqsijiet parlamentari li Dr Chris Said għamel dwar il-proġett ta' Triq 28 t'April 1688. Hu kwota t-tweġiba mill-Ministeru għal Għawdex għal-aħħar mistoqsija 14190 rigward l-iffinanzjar tal-proġett kollu.

*"Ninforma lil Onorevoli interpellant li l-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar ser ikun qed jiffinanzja tali xogħolijiet. Ix-xogħol ser issir parti minn tender li ħarġet mill-Kunsill Lokali, parti minn tender mill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar u fejn tidħol installazzjoni ta'drenaġġ u servizzi ta' l-ilma ser ikunu iffinanzjati mill-Water Services Corporation."*

għ. Ġie mfakkar li l-*issue* ta' kif se jitħallas il-kuntrattur inqalet minħabba l-fatt li l-ex Aġent Segretarju ma nludix sitt *addendums.* Dawn ma ġewx inklużi meta sar it-*tender* għal dan il-proġett li wieħed minnhom kien ta' €538,000.

ħ. Is-Sindku għamel referenza għal-laqgħa tal-kumitat parlamentari Numru 5 li saret ġewwa l-bini tal-parlament fejn l-avukat Dr Claire Bonello u s-Sindku tkellem dwar il-proposta l-ġdida tal-bdil tal-policy ta'Hondoq. Waqt din il-laqgħa, l-perit Joseph Scalpello għamel preżentazzjoni fejn spjega fid-dettal il-proposti li hemm għaż-żona ta'Hondoq. Fl-intervent ta' Dr Bonello, s-Sindku qal u kwota *" ser nilqgħu b'sodisfazzjon din il-proposta għal emendi. Naħseb li rari kien hemm kunsens daqshekk wiesa fuq review tal-liġijiet ta' ippjanar".* Dr Bonello tkellmet wkoll dwar punti ta' kjarifika li ġew imwieġba mill-perit Scalpello kif ukoll dwar *invested right* li tkellem fuqu l-iżviluppatur fejn qal li għandu dritt għall-kumpens. Il-Qorti ta' l-Ewropa ikkonfermat li l-iżviluppatur ma kellux dritt għall-kumpens.

i. Minn naħa tas-Sindku, hu tkellem dwar diversi ġrajjiet li ġraw partikularment dwar l-*local plan* u diversi manuvri li saru minn wara dahar il-Kunsill. Hu qal wkoll li l-*policy* l-ġdida li ippropona hu aħjar minn ta'qabel 2006 għax qabel seta' jsir 25% bini u issa *total afforestation.* Is-Sindku jirringrazzja lil Dr Bonello ta' l-interess u l-ħidma tagħha.

ie Triq oħra li saret bit-tarmak hi parti minn Triq Lord Strickland Din inqalgħet mill-qiegħ għax kienet mibnija fuq il-ħamrija. Din kienet kollha iffinanzjata mill-Ministeru għal Għawdex.

j. Sar *patching* bil-*cold mix* f'diversi postijiet fil-Qala.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

k. Tkompla x-xogħol fuq il-Belvedere fejn inqala' l-*play equipment* , inbidlu t-tapiti ta'taħthom u tħawlu aktar xtieli fil-*planters* li ġibna minn *nursery* tal-Gvern. Sar manutenzjoni fuq ir-*ride-ons* li nqalgħu billi nbarxxu u nżebgħu u dalwaqt jerġgħu jitwaħħlu. Il-ġurnata ta' qabel tħawlu wkoll xi xtieli quddiem il-Kunsill.

l. Is-Sindku Paul Buttiġieġ, qal li ikkuntattja lis-Sur Joseph Cauchi mis-sezzjoni tal-mastrudaxxi fejn talbu jagħmel *fence* għal-Ġnien il-Familja minflok li hemm għax jinstab fi stat mhux tajjeb. Is-Sur Cauchi issuġġerixxa li jinħadem wieħed li jikkumplimenta l-*fence* ta' madwar id-*Dog Park*. Sadanittant hu talabna biex nagħtu t-*Teak Oil* lill-*fence* tad-*Dog Park* biex jibqa' talekwale. It-*Teak Oil* ġie provdut lilna mill-Ministeru għal Għawdex b'xejn u se jingħata l-ewwel ċans li jkollna.

m. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni dwar post li itella fuq il-*Facebook* personali tiegħu dwar il-*One Ways* li saru sakemm dam għaddej ix-xogħol fi Triq t'April 1688. Dan għaliex hu qal li kull ma għamel hu talab l-opinjoni tan-nies dwar is-sistema tal-*One Ways* u mhux kif intqal f'dan il-Kunsill li hu talab għall-konsultazzjoni pubblika mingħajr ma nforma lill-Kunsill. Fil-fatt is-Sindku ipproponа li noħorġu sejħa għal dan it-tip ta'xogħol u saqsa lil-membri jekk jaqblux. Il-Kunsilliera V. C. Mejlak wieġbet li l-ewwel għandha tiġi diskussa fil-Kunsill. Il-Kunsillier K. Buttiġieġ ukoll qal li kienet ssuġġerita Valerie u kella tiġi diskussa fil-Kunsill u mhux titla facebook. Għamel referenza għal studju ta' slow streets li qatt ma ġie mplimentat. Issuġġerixxa li għandu jsir traffic management holistiku biex jiġu studjati t-toroq kollha biex jiġu ndirizzati diversi issues bħal rotot ta' buses etc. Is-Sindku wieġeb li hu kull ma għamel tefgħaha għad-diskussjoni u ssuġġerixxa li nħallu f'idejn l-esperti.

Il-Viċi Sindku staqsa hux ser jibqa l-istess traffic management sakemm tingħata t-tieni kisja tat-triq. Is-Sindku wieġeb li se jitneħħew u jerġgħu jitpoġġew meta jkun se jsir ix-xogħol. Is-Seg. Eżekuttiv fakkret li l-Kunsill kellu jħallas spiża mhux żgħira biex jitneħħew u jkun aħjar jekk jitgħattew minflok ma nerġgħu nidħlu fi spiża oħra wara ftit ġimgħat. Kien hemm qbil dwar dan.

*Kien hemm qbil uaninimu sabiex nimxu għal-punt 84.6 tal-agenda u nilqgħu t-talba ta' resident preżenti sabiex jitkellem.*

## 84.6 Konsultazzjoni Pubblika dwar Traffic Managment – Triq it-28ta' April 1688 u l-madwar.

Is-Sur Ivan Falzon spjega kif hu bħal kull membru fil-kamra kien irċieva ittra anonima u għalhekk ħass li għandu jiċċara l-pożizzjoni tiegħu. Hu stqarr li ma għandu xejn kontra l-one-ways pero' jixtieq li r-residenti jiġu kkonsultati u l-implimentazzjoni tkun tagħmel sens għal kulħadd. L-importanti li jsir studju biex jitnaqqsu r-riskji u ma jkunx hemm blind corners. Kompliet id-diskussjoni dwar x' għandu jsir l-ewwel, l-konsultazzjoni



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

pubblika jew l-ħatra ta' espert. Is-Sur Falzon spjega li mill-esperjenża tiegħu f'dan il-qasam l-ispiża tal-esperti ma hix waħda żgħira u jiddependi min numri ta' toroq li jkun jinkludi l-istudju, tista titla sa 60 jew 70elf ewro. Is-Seg. Eżekuttiv spjegat li l-ewwel irridu naraw jekk il-Kunsill jiflaħx għal din l-ispiża qabel ma jkompli jiddiskuti dwar dan. Il-Kunsill irid jiddeċiedi liema proġetti jrid iwettaq. Kien hemm qbil dwar dan. Is-Sur Falzon irringrazzja lill-Kunsill għax-xogħol tiegħu, reġa talab biex ir-residenti jiġu kkonsultati u rtira mill-kamra.

*Kompliet il-Komunikazzjoni mis-Sindku*

n. S-Sindku semma li l-*Coffee Morning* li jmiss se jsir x'aktarx fl-14 ta'Marzu u wara jippreparaw għal Coffee Morning ieħor fii żmien il-Mother's Day. Staqsa jekk din id-data hux tajba għal kullħadd. Kien hemm qbil dwar dan.

o. Hu qal li fid-9 ta'Frar 2024 ġie iċċelebrat il-Karnival fil-Qala. Din l-attività kienet waħda ta' suċċess. Is-Sindku irringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv, skrivani u ħaddiema kollha tax-xogħol tagħhom biex din l-attività kienet ta' suċċess.

p. Il-Kunsill oġġezzjona għal-applikazzjoni biex issir *farm* tat-tonn 4.6km il'bogħod mill-Qala. Din il-ġimgħa fil-midja lokali ħarġet li l-gvern ppreżenta applikazzjoni oħra l-*planning* biex il-lok temporanju li hemm qrib San Pawl issir waħda permanenti. Għalina l-Qalin din hi aħbar tajba għax dan ifisser li t-theddidha ta' baħar ikkontaminat mill-*fish farms* mhix se tolqot il-bajjiet li għandna fil-Qala. Is-Sindku rringrazzja f'ismu u f'isem il-Kunsill lil Alan Deidun. Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ semma li filwaqt li jifhem li s-Sindku ħadem dwar dan, l-kunsill ħallas il-flus, allura din l-istqarrija kella toħroġ fuq il-fb tal-Kunsill. L-ewwel għandhom jiġu diskussi fil-Kunsill u mbagħad toħroġ fuq il-fb tal-Kunsill. Is-Sindku qal li se jgħidlu jipprepara stqarrija.

q. Hu qal l-iskips f'Ta' Grunju qed jinbidlu u sa ħmistax oħra ser jiżdiedu aktar u jkunu kuluriti.

r. Il-Bieraħ twaħħlu 3 bozoz mill-kuntrattur fi Triq Fortin ta' Sant Antnin. Il-Kunsilliera V. Cassar Mejlak staqsietu kif ma jgħidx li pproponithom hi. Is-Sindku qal li kien hu li tkellem ma tal-Go u rranġa biex setgħu jitwaħħlu mal-arbli tagħhom. Il-Kunsilliera V. Cassar Mejlak fakkret li kienet hi li talbet anka laqgħa mall-Ministru għal Għawdex u talbet li jsiru solar li ġiet miċħuda bla raġuni.

s. Hu tenna li l-ġurnata ta' qabel iltaqa' mal-perit u mal-kuntrattur biex issir iz-*zebra crossing* tant bżonnjuża ta' quddiem il-Kunsill. Intalbet kwotazzjoni lill-kuntrattur malajr kemm jista' jkun biex jkun jista jibda x-xogħol minnufih. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li l-kwotazzjoni rċevieta u se tkun qed tippreżenta f'din il-laqgħa. Kien hemm qbil unanimu sabiex ix-xogħol isir kemm jista jkun malajr.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

t. Hu qal li waqt programm fuq il-PBS tkellem dwar il-problema ta' Skart fejn ta ukoll xi suġġerimenti.

u. Is-Sindku informa li t-*Toilets* tal-Pjazza reġgħet ħarġet *tender* peress li kien tefagħha wieħed li ma kienx *compliant.* It-*tender* tagħlaq fit-12 ta' Marzu 2024.

v. Semma li ħareġ il-permess tal-PA għat-traffic management tal-Kunċizzjoni. Rigward il-problema tal-Kunċizzjoni, għalkemm ma taqax taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill s-Sindku daħal f'dan il-każ sabiex jkun ta' għajnuna għan-nies. Il-parroċċa bidlu l-ħsieb biex issir *substation* fil-propjetà tagħhom u għalhekk l-Enemalta u MGOZ qed jaħdmu biex isibu post ieħor. Kompla jgħid li minħabba transformer ilhom jaħdmu fuqhom u kien hemm nformazzjoni li għalissa ma riedux li toħroġ fil-pubbliku. Il-Kunsilliera V. C Mejlak qalet li l-enemalta ma għandhomx Transformer available għalhekk ma rieduħx joħroġ fil-pubbliku. Is-Sindku qal li transformers ma għadhomx jinxtraw ta' barra. Il-Viċi Sindku qal li laqgħat bejn il-Kurja u l-Enemalta qatt ma saru biex jiġu diskussi dwar l-art. L-Kurja kienet lesta li tikri art u l-enemalta kienet lesta li tikri però qatt ma ġew diskussi. Kompla jgħid li jekk isir outside transformer il-problema titranġa. Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ għamel referenza u qara post mill-fb fejn is-Sindku kien qal li ntlaħaq ftehim bejn il-Kurja u l-Enemalta. Is-Sindku qal li għandu l-imejls li għaddew. Il-Viċi Sindku qal li għandu jeħel Stabilizer li suppost għandu jsolvi l-problema u li se jkun l-ewwel wieħed f'Għawdex. Is-Sindku qal li fl-aħħar mill-aħħar it-transformer irid isir biex tissolva żgur, semma li hemm post tal-gvern u qed jiġu diskuss dan mal-Enemalta. Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ staqsa biex jgħid lill-membri fejn hu dan il-post, però s-Sindku qal li ma jistax jgħid.

## 84.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

### 84.5.1 Mill-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak

a. Irreferiet għax-xelters fejn reġat qalet li meta kienet semmithom hi f'diversi laqgħat inkluż fl-aħħar laqgħa, is-Sindku kien qal li dan hu xi ħaġa mpossibli li ssir kif ukoll kienet qalet li l-bokka tagħhom tinsab fil-pjazzetta. Is-S.E diġa applikat għal fondi.

b. Semmiet li l-bozoz ta' triq Sant Antnin sa Triq il-Kunċizzjoni li fl-aħħar saru u issa se jkunu ta' ġid għal kull min jgħaddi minn hemm.

c. Fakkret fil-blokok tal-Kunċizzjoni li issa deħlin fil-ħames sena tagħhom. Qalet li ilha ssemmi f'kull laqgħa. S-Sindku qal li jerġgħu jiktbu lill-Ministru. Il-Kunsilliera V. C Mejlak qalet li ma jistax ikun li kull darba jwieġeb hekk, imma għandu jagħmel pressjoni sabiex jitneħħew. Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ qal li mhux jitneħħew biss imma ssir it-triq kif ukoll Triq taċ-Ċawl li se twassal li jiġri xi traġedja. Is-Sindku talab lis-S.E sabiex terġa tikteb lill-Ministru dwar il-bżonn urġenti li jitneħħew il-blokok, jitranġaw iż-żewġ toroq u jinbena l-ħajt. Is-Seg. Eżekuttiv għarrfet il-kamra li l-aħħar li kitbet lil Ministeru dwar dan kien f' Jannar 2024.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

KUNSILL LOKALI
QALA

D. Semmiet għaliex kellha ddum daqshekk biex issir din it-triq, minn Awwissu u xħin tiftaħ it-triq ħa jinqala kios. Dan kollu għax ma jkunx sar pjan minn qabel, ma sar l-ebda studju qabel ma beda x-xogħol. Kompliet tgħid li din it-triq issa se tinfetaħ f'Mejju qabel l-elezzjoni. Is-Sindku wieġeb li hi dejjem triq tmaqdar u fakkar li qed isir xogħol li qatt ma sar bħalu.

E. Fakkret li kienet ipproponiet u kien hemm qbil li ssir reading booth għal triq il-Kunċizzjoni. Is-Sindku qalilha li ġġib l-istimi, pero s-Seg. Eżekuttiv qaltliha li l-affarijiet isiru kif suppost. Tipprovdi l-qisien u l-uffiċċju jġib il-kwotazzjoniijiet.

F. Staqsiet għaliex il-premjijiet tal-Kunsill li huma trophy u premju lil kull parteċipant ma ngħatawx. Is-Seg. Eżekuttiv spjegat li huwa illegali li l-Kunsill jagħti rigali wisq aktar li jagħti flus. Il-Kunsill jista jagħti rigal biss lil persuni distinti li jkunu żaru l-Kunsill. Il-Kunsill kien qed jonfoq madwar elf ewro f'rigali ta' flus, li hija illegali minn kull aspett. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li l-parteċipanti ngħataw lava plate bħala trofew li nxtraw wara li nkisbu l-kwotazzjonijiet. Il-Kunsilliera V. C Mejlak semmiet li dawn qed jonfqu ħafna flus, pero s-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-kamra li għalkemm tifhem dan, aħna qed nitkellmu fuq fondi pubbliċi u allura rridu naraw li nimxu mal-proċeduri stabbiliti.

Ġ. Semmiet li fl-aħħar laqgħa s-Sindku kien semma li ser jagħmel railing mingħajr ma dan kien għaddija kunsill u qalet li hi ma taqbilx ma dan għaliex hemm stili oħra li jistgħu isiru ħalli jkunu jaqblu mal-madwar, bħal injam. Uriet ritratt ta' stil li huwa magħmul minn artified real wood. Semmiet ukoll li skont hi ż-żewġ bankijiet għadhom ma tpoġġewx b'inkejja pero' s-Sindku irrimarka li mingħajr railings, huwa perikoluż. Kompliet id-diskussjoni u s-Sindku qal li ma jsibx oġezzjoni li jsiru l-bankijiet meta jitlesta r-railing. Il-Kunsilliera Valerie C Mejlak qalet li aktar il-fuq ukoll hemm żewġ bankijiet u wkoll ma hemmx railing. Għalhekk talbet sabiex jittieħed vot biex jitwaħħlu l-bankijiet u l-pots. Il-membri kollha vvutaw favur li jsiru filwaqt li s-Sindku qal li jeħlu basta ma jkunx hemm periklu.

h. Semmiet il-bżonn li c-cement tas-squq li hemm fi triq 28ta' April jiġi trimmed għax qed iżomm l-ilma u qed jagħmel ħsara lill-Mużew tal-Folk. Is-Sindku weġibha li dak diġa sar imma jekk għadu qed iżomm jerġa jsir.

i. Semmiet ukoll li bħas-snin preċedenti se terġa tieħu ħsieb l-Easter Markets fil-Pjazza. Mhux se jinvolvu spejjeż, jsiru l-gazebos tal-Kunsill u jitwaħħal l-wire tad-dawl. Kien hemm qbil dwar dan. - Semmiet ukoll li fit-22 ta' Marzu se ssir il-mixja ta' Puttinu li titlaq mill-Qala.

**Mill-Viċi Sinku Ivan Ċefai**

a. Semma li hemm arblu tad-dawl fil-Pjazza tal-Kunċizzjoni li neħħewlu l-wires u għalhekk jista jitneħħa.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

b. Semma l-problema tal-ħamiem li hemm wara l-knisja u ssuġġerixxa li jsir tank ieħor forsi fuq id-dar tal-knisja. Is-Sindku qal li kieku jinsab post aktar ċentrali jkun aħjar biex jilqa għal ħamiem li jkun hemm fuq in-naħa l-oħra tat-triq ukoll. Kien hemm qbil unanimu sabiex isir tank ieħor.
c. Staqsa jekk applikajniex mall-ERA għal żbir tas-siġar. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri bi tweġiba li rċivejna, dik li ma jista isir heavy pruning. Il-membri qablu li nitolbu l-permess sabiex jinżabru l-aktar li jistgħu.
d. Ressaq il-bżonn li titranġa l-bankina ta' Dun Karm li għandha ħafna madum maqluħ.
Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ staqsa lis-Sindku jekk il-bankini tal-pjazza hux se jinbidlu kollha. Semma li għandhom jinbidlu kollha u mhux żewġ naħat biss. Is-Sindku wieġeb li niktbu lill Ministeru biex naraw kemm għandu fondi għall-bankini.
e. Semma li sew kieku tiġi organizzata maratona bħal ma jsir fi rħula oħra. Kien diġà ħadem fuqha qabel il-Covid u tajjeb li tiġi ntrodotta fil-leġislatura li ġejja. Kien hemm qbil dwar dan.

**Mill-Kunsillier Karl Buttiġieġ**

a. Staqsa jekk tnaddafx il-Wied tal-Marġa. S-Sindku wieġeb li kienu marru u ma sabux blockage. Ser jerġgħu jmorru.
b. Staqsa jekk twaħħlitx il-Plakka tat-triq il-ġdida. S-Sindku wieġeb li sid il-propjeta ma fejn kienet se teħel ma ridix u qed nistennew risposta ta' resident ieħor. Is-Seg. Eżekuttiv staqsiet jekk jixtiequx li ssir inawgurazzjoni tagħha. Il-membri urew ix-xewqa li kieku jista jsir hekk.
c. Staqsa jekk kienx hemm xi update dwar il-bozza ta triq San Ġużepp. – S.E. se terġa tkellem lil electician.
d. Staqsa jekk il-log book tat-truck kienx sar. Is-S.E. wieġbet li iva sar u l-Kunsilliera talbu sabiex jiġi ppreżentat fil-laqgħa li jmiss.
e. Semma r-rivista li se jiġi ppubblikat mill-Kunsill kif ġie diskuss fl-aħħar laqgħa. Staqsa jekk kienux inġabru kwotazzjonijiet għalih u s-S.E. wieġbet li kienu għadhom ma nġabrux minħabba li dan il-fuljett għadu ma ġiex ifformulat. Il-Kunsillier K. Buttiġieġ ippropona li jinħatar bord editorjali sabiex l-affarijiet ikunu trasparenti u jsir kif support.

## 84.8 Skemi – SPI/SCI/01/2024, 02/2024, 03/2024, 04/2024,05/2024;

84.8.1 Is-Seg. Ezekuttiv semmiet l-iskemi kollha msemmija u ġie maqbul li l-Kunsill japplika għal skema ta' xogħolijiet għal żvilupp ta' Community Gardens sabiex isir xogħol ta' manutenzjoni fi Ġnien il-Familja. (SPI/SCI/01/2024)



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

Il-Kunsill issuġġerixxa li nitkellmu mal-Perit biex naraw nistgħux napplikaw għas-soak away project li kien tkellem fuqu sabiex nilqgħu l-ilma kollu li jinżel minn triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ. Dan dejjem skont kemm tiswa l-istima biex isir dan il-proġett. L-ammont massimu li jista jirċievi l-Kunsill huwa €45,000. S-Seg. Eżekuttiv se tkun qed tiddiskuti mal-perit u tikkomunika mall-Kunsill via imejl minħabba r-retrizzjoni taż-żmien. Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ ssuġġerixxa wkoll li jsiru bring in sites taħt l-art. Is-Sindku semma li aħjar jiċċekkja dwarha minħabba li hemm postijiet oħra li se jneħħuhom.

SPI/SCI/03/2024 – Lokalitajiet aktar nodfa. Il-membri qablu sabiex napplikaw għal din l-iskema.

SPI/SCI/04/2024 – Fond ta' Sostenn u Manutenzzjoni ta; Proġetti Kapitali mwettqa mill-Gvern Soċjali – Il-Kunsill semma l-bżonn li jsir manutenzjoni ta' Triq l-Imġarr minħabba l-għarar ta' ilma li jkun hemm meta tagħmel ix-xita. L-ammont massimu li l-Kunsill jista jibbenifika huwa dak ta' €30,000.

SPI/SCI/05/2024 – Skema għall-Attivita Kulturali Annwali u dawk Natalizji 2025. Is-Seg. Eżekuttiv semmiet jekk il-Kunsill jaqbilx li terġa ssir l-Lejla Għawdxija u attivita' tal-Milied. Il-Kunsillier K. Buttiġieġ staqsa jekk l-attivita' kulturali tistax ssir fil-perjodu tal-festa. Is-Seg. Eżekuttiv spjegat li dawn l-attivitajiet ma jistgħux isiru fil-perjodu tal-festa. Kien hemm qbil unanimu sabiex napplikaw ħalli tittella l-attivita kulturali bl-isem Lejla Għawdxija fil-Pjazza nhar it-28ta' Lulju jew fil-21ta' Lulju 2024.

Kien hemm qbil unanimu li napplikaw ukoll għall-attivita' Milied Flimkien sabiex tittella nhar is-Sibt, 30 ta' Novembru 2024 fil-Pjazza tal-Qala. Kien hemm qbil sabiex il-Christmas Market isir wieħed flimkien mal-NGO's u allura jidħlu bħala kollabaturi mall-Kunsill. Is-Seg. Eżekuttiv ippreżentat u qrat żewġ riżoluzzjonijiet, n-numru 02/2024 u 03/2024 fejn ġie maqbul li l-Kunsill joħroġ €2000 għal kull attività, dik Natalizja u dik Kulturali. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku u s-Seg. Eżekuttiv.

## 84.9 Hruġ u għoti ta' offerti

84.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li qed isiru l-preparazzjoni biex toħroġ is-sejħa għal xogħol ta' printed concrete fir-roundabouts li huwa proġettat li jiġi jiswa madwar €30,000. Kien hemm qbil sabiex toħroġ is-sejħa.

84.9.2 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li se joħroġu sejħiet għall-offerti għas-servizz ta' Perit kif ukoll għal kiri ta' garaxx fil-lokalita' tal-Qala. Is-Sejħa għal xogħol ta' Perit se jkollha capping ta' €1.5 miljun, u s-sejħa għal kiri tal-garaxx kien hemm qbil li tkun tkopri għat-tlett snin. Kien hemm qbil ukoll sabiex l-bord ta' evalwazzjoni jibqa dak kompost minn William Sultana, Mark Formosa, L-Inġinier Mario Cauchi u l-Avukat Jonathon Mintoff.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

84.9.3 L-membri ġew infurmati li ħareġ il-permess tal-Planning Authority għal Kunċizzjoni sabiex jiċċaqlaq is-salib u għalhekk l-Kunsill jista jibda l-proġett li għalih għandu €11,000 mill-Urban Greening. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li l-istima tal-Perit hija dik ta' €236,979 u allura qabel ma l-Kunsill jkun ingħata ċertezza ta' fondi, ma jistax imexxi għal dan il-proġett minħabba l-limitazzjoni tal-fondi. Kien hemm qbil sabiex nfakkru lill-Perit ħalli mmexxu bl-applikazzjoni għad-DPF Funds kemm jista jkun malajr. Kien hemm qbil biex nistennew l-outcome min-naħa tad-DPF.

84.9.4 Ġie diskuss l-appell li l-Kunsill irċieva dwar is-sejħa għas-servizz tal-Bulky Refuse. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li l-Avukat Larry Formosa kien qed jidher għal Kunsill u kien hemm qbil dwar dan. Semmiet ukoll il-bżonn li tittieħed azzjoni ħalli jitwaqqaf is-servizz minn direct order minħabba li bl-appell is-sejħa tista tieħu fit-tul sabiex tingħalaq. Għalhekk infurmat lill-membri li bħala interim measure, se tkun qed taqleb għal kwotazzjoni li kienu ntalbu f'Diċembru. Il-Kunsill kien irċieva żewġ kwotazzjonijiet fejn it-tnejn li huma kienu kompatibbli. L-aktar offerta vantaġġjuza kienet dik offruta minn Sultech & Co. Kien hemm qbil unanimu sabiex il-Kunsill imexxi ma dan sakemm jkun hemm deċiżjoni min naħa tal-PCRB.

84.9.5 Ġiet ippreżentata l-istima ta' €1300 excl Vat għal xogħol ta' żebra crossing. Il-membri qablu unanimament biex nibdew ix-xogħol kemm jista jkun malajr.

84.9.6 Il-Kunsill se jkun qed jitlob il-kwotazzjonijiet għal accountancy Services.

## 84.10 Qari tal-Korrispondenza

84.10.1 Korrispondenza mingħand il-Kummissjoni Festi Ġużeppini Marjani rigward laqgħa mas-Segretarju Eżekuttiv fuq temi li għandhom x'jaqsmu mal-festa 2024.

84.10.2 Ilment mingħand is-Sur Jesmond Agius rigward l-istat ta' Triq it-Tempju wara li għaddew is-servizzi. Is-Sindku se jkun qed jara dwar dan.

84.10.3 Irċivejna korrispondenza mingħand is-Sur Fabian Galea rigward fondi għall-infurzar waqt attivitajiet fil-Lokal – Linji Gwida u Proċedura bl-informazzjoni u dokumenti meħtieġa għar-rimbors.

84.10.4 Imejl mis-Sur Alvin Buttiġieg rigward ilment fuq '*Flooding*'.

84.10.5 Korrispondenza mingħand l-Enemalta bis-suġġett '*Street Lighting Issues Arising during bad weather conditions*' fosthom '*Demarcation Box*'.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

84.10.6 Imejl mingħand Dr Peter Paul Żammit rigward il-każ ta'Maġistrat Salvu Attard fuq l-*'expropriation'* ta' l-art. Is-Seg. Eżekuttiv qrat il-korrispondenza li rċeviet mingħand Dr. Zammit kif ukoll preżentat il-kont ta' € 8026.80 li l-Kunsill irċieva mingħand l-istess Zammit. Is-Sindku qal li l-Ministeru se jidħol għal expropriation ta' din l-art. Qal ukoll li xogħolu kien għamlu Dr. Zammit u għalhekk għandu jitħallas. Is-Seg. Eżekuttiv spjegat li min naħa tagħha ma tantx tista titkellem peress li dan sar fi snin l-imgħoddija u ma taf xejn dwar il-kaz, pero' l-kont preżentat huwa t-taxxa kif ħarġet mill-qorti. Il-Kunsill qabel unanimament li jitħallas.

84.10.7 Korrispondenza lil u mingħand l-ERA rigward *'Heavy Pruning'* ta' siġar fi Pjazza San Ġużepp. Il-Kunsill qabel li jintbgħatu aktar ritratti lil ERA u jintlab il-permess li jinżabru l-aktar li jistgħu.

84.10.8 Korrispondenza rigward Premju Mara 2023/2024.

84.10.9 Ittra mis-Sinjura RoseAnne Azzopardi fejn qed titlob sabiex tirritorna lura għax-xogħol fuq bażi ta' *'full time'*. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

84.10.10 Talba għal-*'Double Yellow Line'* fejn l-għar u mal-post ta' Bartolo mis-Sur Tarċisio Said. Kien hemm qbil li t-talba tiġi vverifikata.

84.10.11 Irċivejna l-Permess għall-applikazzjoni PA/08645/21 fi Triq il-Kunċizzjoni c/w Triq is-Salib.

84.10.12 CCTV agreements € 100 jew € 150. Kien hemm qbil li l-Kunsill jħallas €150 għal kull point li jkollu bżonn l-elettriku kif ukoll l-internet.

84.10.13 L-kontijiet bankarji tal-Bank of Valletta ingħalaqu u l-bilanċ tal-fondi għadda fil-kont tal-APS.

84.10.14 Il-Kunsill irkopra l-fondi dovuti tal-LESA mis-sena 2021 sal-lum.

84.10.15 Skema tal-latrina ġiet estiża għal 31 ta'Marzu 2025.

84.10.16 Joseph Sancto, l-handyman fuq bażi part time beda l-impjieg tiegħu mal-kunsill fid-29 ta'Jannar 2024.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

84.10.17 Kien hemm qbil li l-QIFF 2024 jittella fit-13, 14 u 15 ta' Settembru 2024. Kien hemm qbil ukoll sabiex jerġa jkun hemm is-sotto kumitat bħal ma kien jiġri fi snin l-imgħoddija.

84.10.18 Macrame inkitbu 6 mill-Qala u 9 minn barra l-Qala. Il-Kunsill jaqbel li jiġi offrut lezzjoni waħda.

84.10.19 Il-membri ġew nfurmati li l-kuntratt ta' kiri għall-kamra fil-ġnien tal-iskola wasal fi tmiemu u l-iskola qed titlob illi jekk l-kunsill jixtieq iġedded, isir il-ħlas ta' €350 fis-sena. Il-Kunsill qabel unanimament li jiġġedded u li jitħallas is-somma ta' €350 fis-sena.

## 84.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

84.11.1 Ġew ippreżentati l-iskeda ta' ħlasijiet bin-numru 03/2024 għal perjodu ta' bejn il-25ta' Jannar 2023 u t-22ta' Frar 2024 li tammonta għal €36,397.33. Il-Kunsill approva unanimament Skeda numru 03/2024.

Ġiet ippreżentata u unanimament approvata kopja tal-ispjejjeż relatati ma Petty Cash li saru matul ix-xhur ta' Frar 2024 sad-data tal-lum.

## 84.12 Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss.

84.12.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiema fis-19.45 u l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ġiet skedata għal nhar it-Tnejn, 25 ta' Marzu fl-16.30p.m.

Paul Buttigieg
Sindku

Heidi Grech
Segretarju Eżekuttiv



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt